# Leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Franza

Franza

F'din it-taqsima inti għandek issib ħarsa ġenerali tas-sorsi diffferenti tal-liġi fi Franza.

## Sorsi tal-liġi

Il-liġi fi Franza hija essenzjalment magħmula minn regoli miktubin msejħa sorsi tal-liġi. Dawn jistgħu jkunu regoli adottati mill-Istati jew bejn l-Istati fuq livell nazzjonali, iżda jinkludu wkoll każistika mill-qrati nazzjonali u internazzjonali. Barra minn hekk, huma jkopru regoli magħmula fuq livell lokali, bħal *by-laws* muniċipali, jew minn organizzazzjonijiet professjonali u tan-negozju, bħall-Kulleġġ tat-Tobba, jew regoli stabbiliti minn ċittadini bejniethom, bħal ftehim kollettiv jew kuntratti, u finalment sempliċiment użanzi.

Din il-ġabra hija ordnata bi qbil ma' ġerarkija ta' regoli. Għalhekk, regola ġdida:

- għandha tirrispetta r-regoli superjuri preċedenti;
- tista' temenda regoli preċedenti fuq l-istess livell;
- tirrevoka regoli inferjuri u kontradittorji.

### Sorsi internazzjonali tal-liġi

Trattati u ftehmiet internazzjonali

Fi Franza, Trattat jiġi fis-seħħ biss meta jkun ratifikat jew approvat u mbagħad ippubblikat. Xi trattati huma applikabbli direttament fl-ordni legali Franċiża, filwaqt li oħrajn jeħtieġ li jiġu trasposti b'regola interna.

Liġi tal-Unjoni Ewropea

Il-kunċett ta' liġi tal-Unjoni Ewropea jirreferi għar-regoli magħmula minn istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jkunu rakkommandazzjonijiet, opinjonijiet, regolamenti, deċiżjonijiet jew direttivi.

### Sorsi nazzjonli tal-liġi

Regoli kostituzzjonali:

- il-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958;
- il-preambolu għall-Kostituzzjoni tas-27 ta' Ottubru 1946, flimkien mad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin tas-26 ta' Awwissu 1789 u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mil-liġijiet tar-Repubblika li jirreferu għalihom;
- il-liġijiet organiċi sottomessi lill-Kunsill Kostituzzjonali qabel ma jiġu fis-seħħ, li l-għan tagħhom huwa li jikkumplimentaw il-Kostituzzjoni.

Regoli leġiżlattivi

Leġiżlazzjoni, mgħoddija mill-Parlament, hija subordinata għall-Kostituzzjoni. Meta indirizzata, il-Kunsill Kostituzzjonali jirrevedi l-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni qabel ma tidħol fis-seħħ, jiġifieri, jiċċekkja biex jara jekk hijiex konformi mal-Kostituzzjoni. Il-Kunsill Kostituzzjonali jista' jkun indirizzat ukoll mill-President

tar-Repubblika, mill-Prim Ministru, mill-Presidenti tal-Assemblea Nazzjonali u s-Senat, jew minn sittin membru jew sittin senatur. Barra minn hekk, il-Kunsill Kostituzzjonali jista’ jiġi invokat, meta ssir referenza għalih mill-Kunsill tal-Istat jew mill-Qorti tal-Kassazzjoni, fir-rigward ta’ talbiet li jwasslu għal abrogazzjoni ta' liġijiet fis-seħħ, ippreżentati mill-partijiet li jkunu qed jikkontestawhom matul litigazzjoni li tirrigwarda dawn il-liġijiet u l-konformità tagħhom mad-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni.

Skont l-Artikolu 55 tal-Kostituzzjoni, trattati internazzjonali ratifikati minn Franza huma superjuri għal-leġiżlazzjoni. Qrati kemm mill-ġuriżdizzjoni amministrattiva kif ukoll minn dik ordinarja għandhom jirrifjuttaw li japplikaw leġiżlazzjoni li tidher inkompatibbli ma’ trattat, kemm jekk ikun ratifikat qabel jew wara l-leġiżlazzjoni.

Strumenti statutorji

1. Ordnijiet
   Skont l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, biex jimplimenta l-programm tiegħu, il-Gvern jista’ jitlob permess mill-Parlament għal perjodu limitat ta’ żmien biex jieħu miżuri ta’ natura leġiżlattiva. Dawn l-ordinanzi huma biss atti formalment regolamentati sakemm ma jiġux ratifikati mil-leġiżlatur u għalhekk sakemm jiġu ratifikati dawn jistgħu jiġu kkontestati quddiem imħallef amministrattiv.

2. Regolamenti

   Ir-Regolamenti jvarjaw skont l-awtorità li introduċiethom:
   - digrieti mill-President tar-Repubblika jew mill-Prim Ministru (meta jkunu ġew adottati fil-Kunsill tal-Ministri jew fil-Kunsill tal-Istat jistgħu jiġu emendati biss taħt l-istess ċirkustanzi);
   - ordnijiet interministerjali jew ministerjali;
   - deċiżjonijiet regolatorji meħudin mill-awtoritajiet delegati mill-Istat (prefett, sindku eċċ.) jew awtoritajiet deċentralizzati (muniċipalità, *département* – simili għal kontea - jew reġjun).

   Ir-Regolamenti jvarjaw skont l-awtorità li introduċiethom:

3. Ftehimiet Kollettivi
   Il-Kodiċi tal-Impjiegi jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-impjiegi. F’dan il-kuntest, imsieħba soċjali mis-settur privat (min iħaddem u trejdunjins) jinnegozjaw ftehimiet u kuntratti.Għalhekk ftehimiet kollettivi jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tal-impjiegi u jiggarantixxu benefiċċji tal-impjieg għall-impjegati tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati (negozju u industriji ta’ materjal mormi u riċiklar, djar għal ħaddiema żgħażagħ, istituzzjonijiet tal-pensjoni supplimentari, eċċ). Ftehimiet kollettivi min-naħa l-oħra, jikkonċernaw biss qasam speċifiku (pagi, sigħat tax-xogħol, eċċ). Ftehimiet kollettivi u kunsensi jistgħu jkunu konklużi fuq il-livell ta’ settur partikolari (in-negozji kollha li għandhom l-istess attività f’territorju partikolari), negozju partikolari jew stabbiliment partikolari. Il-ftehim kollettiv jista’ jkun “estiż” mill-Ministeru tal-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u l-Fond Solidali jew mill-Ministeru tal-Agrikultura u s-Sajd sabiex japplika għall-organizzazzjonijiet fis-settur fil-mira.

Il-każistika ġudizzjarja u amministrattiva

Il-każistika tista’ tiġi minn qrati ġudizzjarji jew amministrattivi. Il-każistika ġudizzjarja tinterpreta l-liġi imma, bi prinċipju, tappika biss għall-każ li jkun qed jiġi deċiż. Il-każistika amministrattiva għandha valur li jmur lil hinn mir-regolamentazzjoni, fis-sens li tista' tħassar regolament jew leġiżlazzjoni sekondarja.

# Qafas Istituzzjonali

## Il-proċess leġiżlattiv fi Franza

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn abbozz ta’ liġi, li t-test tiegħu jibda mill-gvern u li jiġi ppreżentat minn xi ministru lill-Kunsill tal-Ministri , u l-proposta, li t-test tagħha jibda mill-Parlament. L-abbozz ta’ liġi jew il-proposta ta’ liġi għandhom jiġu ppreżentati lill-Assemblea Nazzjonali jew lis-Senat.

Imbagħad, l-abbozz ta’ liġi jiġi eżaminat mill-Parlament, u jiġi adottat skont l-istess termini miż-żewġ Kmamar.

Fil-każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejn iż-żewġ assembleji, jiġi msejjaħ kumitat imħallat konġunt. Dan il-kumitat,

magħmul minn seba’ membri u minn seba’ senaturi jingħata d-dmir li jipproponi test miftiehem, normalment wara żewġ qari minn kull Kamra.

Madankollu, il-gvern jista’ jniedi l-proċedura aċċellerata; f’dan il-każ il-kumitat imħallat konġunt jista’ jiġi ffurmat immedjatament wara l-ewwel qari.

It-test tal-liġi jiġi ppromulgat (jiġfieri ffirmat) mill-President tar-Repubblika fi żmien 15-il jum minn meta t-test adottat mill-Parlament jiġi trażmess lill-Gvern. Matul dan iż-żmien il-President jista' jitlob li ssir reviżjoni tat-test u l-Kunsill Kostituzzjonali jista’ jiġi invokat biex jivverfika l-konformità tat-test mal-Kostituzzjoni. L-att promulgat jidħol fis-seħħ wara li jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

### Pubblikazzjoni tal-atti u r-regolamenti

Biex ikollhom effetti vinkolattivi, l-atti u r-regolamenti għandhom jinġiebu għall-attenzjoni taċ-ċittadini. Għalhekk, miżuri individwali għandhom jiġu nnotifikati lin-nies li jkunu sejrin jiġu affettwati minnhom, li jfisser li miżuri regolatorji għandhom jiġu ppubblikati.

Ir-regoli relatati mat-testi leġiżlattivi u regolatorji li jkunu sejrin jidħlu fis-seħħ ġew emendati bl-Ordni Nru. 2004-164 tal-20 ta’ Frar 2004 mill-1 ta’ Ġunju 2004.

Minn issa ‘l quddiem, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-testi jidħlu fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali.

Madankollu, f’emerġenzi, dawn li ġejjin jistgħu jidħlu fis-seħħ fl-istess jum li fih jiġu ppubblikati: liġijiet fejn id-digriet li jġibhom fis-seħħ jippreskrivi dan, u miżuri amministrattivi fejn dan kien preordinat mill-gvern permezz ta’ dispożizzjoni speċjali.

Minbarra digrieti, dispożizzjonijiet regolatorji, introdotti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat fuq livell nazzjonali (ordnijiet ministerjali, miżuri meħudin minn awtoritajiet amministrativi indipendenti, eċċ) huma wkoll ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. Dawn l-ordnijiet tal-ministeri huma ħafna drabi ppubblikati wkoll fil-Gazzetti Uffiċjali tal-ministeri.

Biex dispożizzjoni regolatorja tkun ippubblikata biss fil-Gazzetta Uffiċjali, din għandha tikkonċerna biss kategorija speċifika ta’ ċittadini (essenzjalment impjegati taċ-ċivil u aġenti tal-ministeru).

Miżuri meħudin mill-awtoritajiet lokali jsegwu metodi speċifiċi ta’ pubblikazzjoni. Huma ma jidhrux fil-Ġurnal Uffiċjali.

Ċirkulari jew struzzjonijiet bħala regola ġenerali m’għandhomx effett regolatorju. Dawn il-miżuri huma limitati għall-għoti ta’ struzzjonijiet lid-dipartimenti għall-applikazzjoni tal-liġijiet u d-digrieti, jew biex jikkjarifikaw l-interpretazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet.

Sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati, iridu jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Prim Ministru, maħsub għal dan il-għan (id-digriet 2008-1281 tat-8 ta’ Diċembru 2008). Iċ-ċirkolari l-iktar importanti biss jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

## Data banks tal-leġiżlazzjoni

Id-databases legali pubbliċi fi Franza huma koperti minn servizz ta’ disseminazzjoni pubblika fuq l-Internet (SPDDI) skont id-Digriet Nru. 2002-1064 tas-7 ta’ Awwissu 2002 (Verżjoni bl-Ingliż)

Din is-sistema hija spjegata fid-dettall fil-Folja ta’ fatti dwar użu mill-ġdid tad-dejta disponibbli fuq Légifrance :

Légifrance jinkludi li ġej:

- il-kodiċi, l-atti u r-regolamenti fil-verżjoni kkonsolidata (database “Legi”)
- id-dokumenti huma ppubblikati fl-edizzjoni tal-“*lois et décrets*” (liġijiet u digrieti) tal-Ġurnal Uffiċjali (database “Jorf”)
- il-ftehimiet kollettivi nazzjonali kollettivi (database “Kali”)
- id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Kostituzzjonali (database “Constit”)

- id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni u tal-Qorti tal-Appell (database “Cass” għal deċiżjonijiet ippubblikati fil-gazzetta, database “Inca” għal deċiżjonijiet mhux ippubblikati, u database “Capp” għal deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell)
- id-deċiżjonijiet tal-Conseil d’Etat u tal-Qorti tal-Kunflitti, id-deċiżjonijiet tal-Qrati Amministrativi tal-Appell u għażla ta’ deċiżjonijiet mill-Qrati Amministrativi tal-Prim’Istanza (database “Jade”)
- id-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Libertajiet Ċivili (CNIL) (database “CNIL”).

Għal għanijiet ta’ referenza, siti oħrajn, aċċessibbli jew direttament jew permezz tal-Légifrance, jieħdu sehem f’dan is-servizz (SPDDI); dawn jikkonċernaw:

- il-Qorti tal-Awdituri għal deċiżjonijiet mill-qrati finanzjarji,
- kull ministeru għall-gazzetta uffiċjali tiegħu,
- id-Direttorat Ġenerali għat-Taxxi għad-dokumentazzjoni tat-taxxa,
- il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej għall-konvenzjonijiet internazzjonali (database “Pact”).

Informazzjoni marbuta ma’ termini u kundizzjonijiet għall-irkupru u l-użu mill-ġdid ta’ dejta li tikkonċerna t-tieni kategorija ta’ hawn fuq hija disponibbli fuq kull sit elettroniku.

Huwa wkoll possibbli li ssib Katalgu tad-databases elenkat hawn fuq, fuq is-sit elettroniku ta’ Légifrance.

Il-lista tat-tariffi tal-liċenzja ta’ Légifrance hija disponibbli wkoll.

# Databases

Dain li ġejja hija lista mhux eżawrjenti tad-databases legali:

- Id-database LEGI tinkludi kodiċi, atti u regolamenti fil-verżjoni konsolidata tagħhom;
- Id-database JORF tinkludi dokumenti kif ikunu ppubblikati fl-edizzjoni tal-“*lois et décrets*” (liġijiet u digrieti) tal-Ġurnal Uffiċjali;
- Id-database KALI tinkludi l ftehimiet kollettivi nazzjonali estiżi;
- Id-database CONSTIT tinkludi d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Kostituzzjonali;
- Id-database JADE tinkludi d deċiżjonijiet tal-Conseil d’Etat u tal-Qorti tal-Kunflitti, id-deċiżjonijiet tal-Qrati Amministrativi tal-Appell u għażla ta’ deċiżjonijiet mill-Qrati Amministrativi tal-Prim’Istanza;
    - Id-database CNIL tinkludi d-deliberazzjonijiet tas-CNIL (il-Kummissjoni Nazzjonali għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Libertajiet Ċivili).

Il-każistika tal-Qorti tal-Kassazzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħha.

Hemm servizz online biex tordna d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni,  u xi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni huma tradotti għall-Ingliż, l-Għarbi u l-Mandarin.

---

L-aħħar aġġornament: 13/12/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.